# *Kapitlu 7*
# Il-Każin tal-Banda San Gabriel Ħal Balzan A.D. 1920 illum

**Kumitati…**

Il-Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan AD 1920 hu mmexxi mill-Kumitat Ċentrali taħt it-tmexxija tal-President. L-istatut jgħid li l-President, is-Segretarju, il-Kaxxier u d-Direttur huma l-erba' uffiċjali filwaqt li l-Kumitat jiġbor fih 11-il membru ieħor. Niftakru li l-istatut kien ġie aġġornat fis-sena 2008. Wara diversi xhur ta' laqghat minn kumitat apposta, l-istatut ġie rivedut u approvat fis-Seduta Ġenerali Straordinarja miżmuma nhar il-Ħadd 20 t'April 2008. Insibu wkoll Sotto-Kumitat Nisa u s-Sotto-Kumitat Żgħażagħ San Gabriel.



***Membri attivi fl-armar fis-sena 1984***



*Membri attivi fl-armar fis-sena 2005*

## Membri Attivi… Sezzjoni Armar.

Minn żmien għal żmien jittieħdu ritratti ħalli jibqgħu tifkira tal-membri attivi tas-Soċjetà, bħal dak ir-ritratt li qed jidher f'pagna 19 li ttieħed fis-sena 1922, u ritratti oħra li jibqgħu tifkira għall-familja tal-Każin tal-Banda San Gabriel.

## Membri Attivi… Sezzjoni Nar.

Il-Każin tal-Banda San Gabriel kellu fi ħdanu l-parti tal-piroteknika bl-isem ta' Għaqda tan-Nar San Gabriel. In-nar jissemma f'diversi kotba tal-minuti ta' din is-Soċjetà. Sa mis-sena 1920 dejjem sar il-logħob tan-nar u dan jixhduh l-ammont ta' permessi li kienu jsiru sabiex ikun jista' jsir il-logħob tan-nar. Però wara l-gwerra tibda żżid il-ħidma tal-membri ta' dan il-Każin sabiex jaħdmu n-nar sakemm fil-bidu tas-snin 60 inbena post addattat aktar viċin ir-raħal fejn jista' jinħadem in-nar. Fis-sena 1963 inkisbet biċċa art fl-inħawi tal-Iklin u Ġuzeppi Scicluna magħruf 'Tal-Laħam' flimkien ma' dilettanti oħra tal-istess Każin bnew post għax-xogħol tan-nar. B'xorti ħażina ġara li mal-mewt ta' min kellu l-liċenzji f'ismu tal-Kamra tan-Nar San Gabriel Valent Azzopardi, il-familjari talbu lura l-post li għal dawn l-aħħar 45 sena nħadem nar kemm għall-festa tal-Lunzjata, għal diversi festi f'parroċċi oħra kif ukoll fuq livell nazzjonali.




***Fis-sena 2007, membri attivi tal-armar ferħana wara li lestew xogħolhom***

## Attivitajiet…. iżommu lis-Soċjetà attiva u nkomplu nkabbru t-tradizzjonijiet ta' qabilna.

Xi ħaġa li saret appuntament għall-Każin tal-Banda San Gabriel hija l-Wirja tal-Ġimgha Mqaddsa u l-*Pageant* ta' Ħadd il-Palm. Kull sena l-wirja qed tikber kif ukoll il-Pageant qed iżżid fin-numru ta' personaġġi. Novita' għal din is-sena l-Wirja tal-Gimgha Mqaddsa saret fil-*basement* tal-Każin eżattament fil-parti l-ġdida. Din is-sena kienet taħbat l-10 edizzjoni tal-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa li żaruha ammonti kbar ta' nies. Membri mill-Każin tagħna jieħdu sehem ukoll f'*pageants* tal-Ġimgha l-Kbira f'Malta kif ukoll f'Għawdex. U magħhom inżidu l-*Pageant* tal-Irxoxt f'Birkirkara organizzata mill-Għaqda Mużikali Sant'Elena.

## Attivitajiet soċjali…

Huma diversi l-attivitajiet soċjali li l-Każin tal-Banda San Gabriel itella' minn żmien għal żmien. Ikliet dejjem b'xi tema differenti…jekk hux Chinese Night, BBQs, Pasta Night, Maroccan Night, Spare Ribs Night, Maltese Night u aktar, flimkien ma' Coffee Mornings and Tombola, Wine Festival, Eurovision Night, insomma attivitajiet li jinkludu massa ta' nies jiltaqgħu sabiex flimkien jgħaddu



*Għall-festa tas-sena 1949 jidher li d-dilettanti tan-Nar Balzanin kellhom Programm imħejji sew għall-festa tal-Lunzjata.*



*Programm ta' Nar kbir kien sar fis-sena 1969…is-sena tat-3 Ċentinarju.*



***Fis-sebgħinijiet.***



***Fit-tmeninijiet, uħud tal-fehma li dawn kienu l-aqwa żminijiet tal-Għaqda tan-nar San Gabriel.***



*L-Aħħar Ċena li saret fil-basement eżattament f'kantina mill-aktar adattata.*




*Uħud mill-personaġġi li jieħdu sehem fil-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm organizzata minn din is-Soċjetà.*

serata mill-aktar pjaċevoli u familjari ġewwa l-Każin. Dan kollu jsir biex barra li l-membri jiltaqgħu flimkien ma' ħbiebhom, isir ġbir ta' fondi ħalli nkomplu nkabbru l-attività tagħna.

## 25 Sena ta' Pubblikazzjoni 1984-2009



*Uħud mill-membri li jagħtu sehemhom waqt id-diversi attivitajiet li jittellgħu fil-Każin tagħna b'riżq il-festa.*

Għall-okkazjoni tal-festa 2009 tfakkret il-25 sena ta' pubblikazzjonijiet. Dawn taw minjiera ta' informazzjoni b'diversi artikli dwar dak kollu li jorbot miegħu Ħal Balzan…il-ħajja tal-Każin, il-festa tal-Lunzjata, avvenimenti importanti, personaġġi Balzanin u oħrajn li rabtu isimhom ma' dan ir-raħal, ħsibijiet reliġjużi, poeżiji, ritratti antiki u riċenti…fi kliem ieħor, għodda ideali għal dawk li jfittxu dawn it-tip ta' kotba festivi u lil dawk li jistudjaw permezz ta' riċerki. Il-Każin tal-Banda San Gabriel dejjem appoġġja din it-tip ta' letteratura għax permezz t'hekk qed inkomplu nagħtu għarfien lit-tradizzjonijiet tal-imgħoddi lill-ġenerazzjoni li tielgħa, liż-żgħażagħ tagħna, lill-Komunità Balzanija u lill-pajjiż inġenerali ħalli l-istorja ma tintesiex. F'dawn l-aħħar snin, din il-pubblikazzjoni leħqet livelli kbar, grazzi lill-editur lis-Sur John Pullicino.

## Il-Website

Għal dawn l-aħħar seba' snin, il-Każin tal-Banda San Gabriel ħoloq l-website uffiċjali tiegħu bl-indirizz *www.stgabrielbandclub.com*. *Website* informattiva għall-aħħar, ritratti u tagħrif li jagħmel din il-*website* ferm imfittxija kemm mill-Balzanin u ferm attraenti, informattiva u aġġornata, dawk imsifrin kif ukoll mid-dilettanti tal-festi Maltin. Il-*webmaster* Saviour Deguara flimkien ma' Silvio Cassar jieħdu ħsieb iżommu aġġornati lil dawk kollha li jidħlu fis-sit b'dak kollu li jkun għaddej fis-Soċjetà.

## Disinn Interessanti

Karta li turi diversi disinni li kienu qed jitħejjew ħalli jsiru brazzi ġodda għal mal-kolonni tat-Triq il-Kbira. Id-disinn li ntagħżel kien dak li jidher fiċ-ċirku. Dawn id-disinni kienu saru minn Gabriel Caruana fis-snin 50. Fis-snin 80, Ġuzeppi Calleja flimkien ma' Benny Pace kienu għamlu brazzi ġodda u għadhom jintramaw sal-lum.



***Bħala disinn kien intagħżel li hu mdawwar b'ċirku.***

## Xandiriet fuq it-Televiżjoni

Kienu diversi xandiriet fuq it-televiżjoni li saru minn Ħal Balzan. Ibda mill-Programm *Bonġu Malta* fis-sena 1985 u *Il-Ħadd mal-Maltin* fl-1993 li kienu ppreżentati minn Charles Xuereb u fis-sena 2002 *Il-Ħadd it-Tajjeb* ppreżentat minn George Micallef u Hector Bruno.

## Il-Marċi fi żmien il-festa

Il-Marc tal-Ġimgħa jew tal-Aħħar tat-Tridu. Dan il-marċ jibqa' popolari u ferm mistenni kemm mill-membri, mill-Balzanin u dawk kollha li jiġu jżuruna. Apparti l-briju bid-daqq ta' marċi mill-Banda San Gabriel, il-qofol ikun it-tlugħ tal-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel fuq il-kolonna biswit il-Każin bid-daqq tal-*Innu San Gabriel* tal-ewwel Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel Mro. Carmelo Briffa.



***Araw kemm jirnexxielkom tagħrfu nies!***



***George Micallef jidher jintervista lid-diriġenti tal-Każin ta' dak iż-żmien is-Sur Lino Borg (President), Joseph Spiteri (Segretarju) u Joe Attard (Kaxxier). Jidher is-Segretarju preżenti Saviour Deguara li kien qed jirrapreżenta lis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ tas-Soċjetà.***



***L-Ewwel Kumitat tan-Nisa flimkien mal-President ta' dak iż-żmien flimkien ma' Guido Borg (illum President Onorarju). Jidhru fir-ritratt mix-xellug Rose Muscat, Lonza Micallef, Stella Micallef, (Omm iċ-Chairperson tal-Kumitat tan-Nisa prezenti Helen Bonett) u Mary Muscat.***



***Membri ta' din is-Soċjetà ferħanin quddiem l-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel waqt il-marċ tal-Aħħar tat-Tridu.***



*Nazju Magro bl-iljun f'idejh waqt il-marċ tal-Aħħar tat-Tridu. (Bil-kortesija ta' Bartolomew Magro)*

Marċ ieħor mistenni ikun il-Marċ tal-Aħħar. Dan jibda mad-daqq tal-barka sagramentali u d-dilettanti Balzanin jingħaqdu fl-aħħar ħinijiet tal-festa.

## L-armar tat-Triq il-Kbira tul iż-żminijiet.

L-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel li tintrama biswit il-Każin saret għall-festa tas-sena 1993. Din takkumpanja l-marċ brijuż li l-Banda San Gabriel tagħmel fl-aħħar tat-Tridu. Din l-istatwa saret mill-istatwarju l-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fuq l-inizjattiva ta' Gabriel Pullicino li ġabar il-fondi meħtieġa sabiex tkun tista' ssir. Waslet f'Ħal Balzan it-Tlieta 6 ta' Lulju 1993 fost il-ferħ tad-dilettanti Balzanin, akkumpanjata mill-Banda San Gabriel.




***L-armar fit-toroq Balzanin għamel passi kbar 'il quddiem.***



*Strada Reale armata għal okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata li kienet saret fid-9 ta' April 1925.*



*Triq il-Kbira fit-3 Ċentinarju tat-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali 1669-1969.*

## Il-Banda San Gabriel maż-żminijiet.

U nkomplu nsemmu ġrajjiet il-Banda San Gabriel. Semmejna s-snin 50. Fis-sena 1962, il-Banda San San Gabriel ħadet sehem fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tas-Sala Aurora, is-Sala Parrokkjali li min jaf kemm rat attivitajiet diversi kif ukoll programmi mużikali u strumentali mill-Banda San Gabriel. F'dik is-sena wkoll il-Banda ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Katerina ġewwa ż-Żejtun. Fl-1964 kienet għamlet marċ madwar it-toroq Balzanin fl-okkażjoni tal-Festi tal-Indipendenza. Fis-sena 1965, il-Banda San Gabriel fetħet il-festi tal-75 sena mit-twaqqif tal-Każin Marija Annunzjata kif ukoll ħadet sehem fil-Kungress Nazzjonali tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla



*Triq il-Kbira mill-festa 1970 sal-festa 1973.*



***Dawn il-pavaljuni saru fuq disinn ta' Valentino Muscat. Il-pavaljuni bis-sopraporti b'kollox kienu żżanżnu għall-festa tal-1974. Dawn biddlu għal kollox l-atmosfera ta' din it-triq prinċipali.***



***Triq il-Kbira llum. Fl-aqwa tagħha armata għall-festa.***

li sar f'Ħal Balzan. Ma setax jonqos ukoll li l-Banda San Gabriel tagħti sehemha meta fis-sena 1967, ir-Reġina Eliżabetta II reġgħet żaret Malta. Saru festi ad unur tagħha u l-banda daqqet ħdejn il-bieb t'isfel ta' San Anton nhar is-17 ta' Novembru hekk kif ir-Reġina kienet ħierġa fi triqtha lejn il-Belt. Fis-sittinijiet kienet tieħu sehem fil-festa tal-Madonna Għajnuna tal-Insara li ssir fl-Oratorju f'Birkirkara u fil-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Fis-sena 1968 ħadet sehem fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-wasla tal-istatwa titulari tal-Lunzjata filwaqt fis-sena 1969 ħadet sehem kbir fil-festi speċjali tat-tliet ċentinarju mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali.

Kienet is-sena 1970. 40 sena ilu...Il-Każin tal-Banda San Gabriel jiċċelebra ħamsin sena ta' ħajja u attivita'. Il-festi ċinkwantenarji mit-twaqqfif taċ-*Circolo San Gabriele* kienu mifruxa fuq ġimgħa sħiħa. Il-festi kienu għalqu billi l-Banda San Gabriel esegwiet Kunċert kommemorattiv taħt is-Surmast Briffa nhar il-Ħadd 18 t'Ottubru 1970. Fis-sena 1971, il-Banda għaddiet f'idejn Mro. Clemente



*Il-Banda San Gabriel mas-Surmast Direttur attwali Mro. Joseph Vella.*

Sciberras[1]. Fis-sena 1973 insibu li l-Banda San Gabriel daqqet fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Gzira. F'Ottubru tal-1974, il-Każin tal-Partit Laburista kien ikkummisjona marċ fit-toroq Balzanin lill-Banda San Gabriel u fil-festa tas-sena 1975, il-Każin Marija Annunzjata kien ikkummisjona lill-Banda San Gabriel sabiex tagħmel il-marċ ta' filgħodu fl-okkażjoni tal-festa tal-Lunzjata. Fl-istess sena ħadet sehem fl-isfilata ta' Jum ir-Repubblika ġewwa l-Belt Valletta nhar it-13 ta' Diċembru 1975. Irridu ngħidu wkoll li fis-snin 70, il-Banda San Gabriel ħadet sehem fi tliet funerali b'daqq ta' marċi funebri. Dawn kienu fis-sena 1971 tal-Konti Manduca, tal-ewwel Surmast Direttur Mro Carmelo Briffa u fis-sena 1974 ħadet sehem fil-funeral tal-mibki President maħbub Alfred Brincat.

Fis-snin 80, il-Banda San Gabriel kompliet bl-attivita' tagħha. Barra li kienet għamlet għal sentejn konsekuttivi l-marċ ta' filgħodu għall-festa tal-1984

[1] Mro. Clemente Sciberras A.Mus.LCM inħatar bħala t-tieni Surmast Direttur f'Mejju tal-1972 wara l-mewt tas-Surmast Carmelo Briffa. Hu baqa' jmexxi l-Banda San Gabriel sal-1991. Hu twieled f'Birkirkara fl-1940 u miet il-Ħadd 18 t'Awwissu 2002. Jibqa' magħruf għall-marċ li kien ikkompona għall-Banda San Gabriel bl-isem **Festa Balzanija** fis-sena 1984. Kien ġie wkoll addattat il-kliem minn Guido Borg ħalli jitkanta waqt il-briju tal-festa.



***Mro. Joseph Vella waqt Programm Mużikali nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2007 fl-okkażjoni mill-50 sena tax-xiri tas-Sede tas-Soċjetà***



***Mro. Clemente Sciberras waqt Programm Mużikali fil-bitħa tal-Każin.***







***Waqtiet il-Banda San Gabriel fil-festa tal-Lunzjata.***

fl-okkażjoni tas-sena ddedikata liż-żgħażagħ u fl-1985 ukoll. Fl-istess sena, fl-20 ta' Diċembru 1985, il-Banda San Gabriel ħadet sehem bi programm mużikali f'Misraħ il-Ħelsien fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-kampanja tal-Milied *'Ifraħ u Ferraħ'*. F'Settembru 1989, il-Banda San Gabriel ħadet sehem bi programm ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-25 sena tal-Indipendenza.



*Il-Programm Mużikali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja fit-Tieni Jum tat-Tridu fil-festa tal-Lunzjata.*

Fis-snin 90, il-Banda San Gabriel kompliet bl-attività tagħha, issa taħt is-Surmast Mro. Joseph Vella[2]. Mro. Joseph Vella sar it-tielet Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel. Fil-11 ta' Diċembru 1993, il-Banda San Gabriel flimkien mal-Banda Cittadina King's Own għamlu marċ mill-aqwa fi Triq ir-Repubblika ġewwa l-Belt Valletta fl-okkazjoni tad-19-il Anniversarju ta' Malta Repubblika. Fis-sena 1995, il-Banda San Gabriel fetħet il-festi speċjali tal-75 sena mit-twaqqif taċ-*Circolo San Gabriele* b'marċ mat-toroq Balzanin meta inkixfet lapida fl-ewwel sede taċ-*Circolo* fi Triq Santa Marija. It-Tlieta 4 ta' Lulju sar



***Is-Segretarju Gabriel Caruana, f'isem il-Każin tal-Banda San Gabriel jagħti rigal tal-okkażjoni lis-Sur Pawlu Grima, President tas-Soċjetà Marija Annunzjata fl-okkażjoni tal-75 sena mit-twaqqif waqt Programm Mużikali li sar fil-Pjazza tar-raħal. Jidhru wkoll fuq ix-xellug Charles Chetcuti, Segretarju tal-istess Soċjetà. Jakkumpanjaw lil Gabriel Caruana hemm il-President Alfred Brincat u Valentino Muscat, President u Kaxxier rispettivament.***

[2] Mro. Joseph Vella A.Mus. LCM L.Mus LCM FVCM laħaq Surmast Direttur lejn tmiem is-sena 90. Suċċess kbir għas-Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel kien meta ħa sehem f'kompetizzjoni għall-aħjar marċ organizzat mis-Soċjetà Mużikali Vilhena tal-Floriana. Mro. Vella ħa sehem bil-kompożizzjoni tal-marċ Jurgen u ġie kklassifikat fl-ewwel post.




***Il-lapida mal-faċċata tal-ewwel sede fi Triq Santa Marija.***

il-programm mużikali tal-75 sena fil-Pjazza tar-raħal fuq palk apposta. Fit-8 ta' Mejju 1999, il-Banda San Gabriel tellgħet programm mużikali fil-Ġonna ta' San Anton fl-okkażjoni tal-Wirja Annwali tal-Ortikultura.

Jasal il-Millenju. Programm kbir u jibqa' jissemma għall-Banda San Gabriel kien dak li sar fil-Pjazza tar-raħal flimkien mal-Banda Marija Annunzjata fl-okkażjoni tat-350 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa fis-sena 1655. Dan kien sar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2005. Kien ħa sehem ukoll il-Kor tal-Parroċċa taħt id-direzzjoni tas-Surmast Balzani s-Sur Lawrence Scicluna.

Il-Banda San Gabriel tibqa' impenjata kif jidher f'din l-istorja. It-tagħlim jibqa' għaddej mis-Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel Mro. Joseph Vella lill-allievi tas-sezzjoni injam filwaqt li l-Assistant Surmast Anthony Carbonaro jgħallem lill-allievi tas-sezzjoni brass. Ta' kull sena l-Banda San Gabriel ikollha stediniet diversi fil-festi fil-bliet u l-irħula. S'intendi l-quċċata ta' kull sena għall-Banda



***Is-Surmast Direttur Mro. Joseph Vella li qed jiċċelebra l-20 sena bħala Surmast Direttur tal-Banda San Gabriel.***

San Gabriel hu l-programm mużikali li jittella' l-Ħamis fit-Tieni Jum tat-Tridu. Dan il-programm mużikali qed jikber fil-popolarita' sew. F'dan l-aħħar sentejn, silta mużikali partikolari tkun mistennija għall-fatt li jkollha akkumpanjament minn logħob tan-nar. Novità għal din is-sena kienet li l-Banda San Gabriel daqqet f'Villa Macedonia, illum l-Ambaxxata Spanjola, il-post fejn għamlet l-ewwel dehra tagħha nhar it-23 ta' Marzu 1952 (58 sena ilu). Jidher ġejjieni aktar attiv għal din il-Banda San Gabriel ħalli l-iskop li twaqqfet għalih jitkompla mal-milja taż-żminijiet.[3]



***L-Assistent Surmast tal-Banda San Gabriel Mro. Anthony Carbonaro.***



***Il-Banda San Gabriel meta daqqet fil-Villa Macedonia f'Jum il-Ġonna organizzat mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan. Niftakru li Villa Macedonia – illum l-Ambaxxata Spanjola – kien il-post fejn il-Banda San Gabriel rat it-twelid tagħha fit-23 ta' Marzu 1952.***

[3] Bla dubju kienu aktar servizzi li tellgħet il-Banda San Gabriel, imma li kieku kellna niktbu kollox, kien ikolli bżonn ta' aktar u aktar paġni.



*Mument mill-isbaħ waqt il-ħruġ tal-istatwa tal-Lunzjata f'nhar il-festa.*



*IL-Programm Mużikali li ttellà l-Banda San Gabriel fit-tieni jum tat-Tridu jkun akkumpanjat mil-logħob tan-nar.*



***L-istatwa tal-Lunzjata u l-faċċata tal-Knisja Parrokkjali mixgħula qabel id-dħul tal-istatwa lura fil-Knisja.***
***Membri mill-Każin tal-Banda San Gabriel jieħdu ħsieb ta' kull sena l-armar tal-faċċata tal-Knisja***




***Partitarji mill-Każin tal-Banda San Gabriel fi tmiem il-festa tal-Lunzjata ma' streamer***
***'VALENT, INT DEJJEM F'QALB IL-BALZANIN'***
***li kien sar wara l-mewt tal-Licencee' Valent Azzopardi fis-sena 2007.***
***Valent, pirotekniku eċċellenti, kien involut fil-qasam pirotekniku għal aktar minn 60 sena.***




***L-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata Patruna ta' Ħal Balzan minquxa fl-injam minn Mastru Salvu Dimech fl-1868***

# Għeluq

Rajna storja ta' 90 sena. Dawn u aktar huma ġrajjietna! Jidher fiċ-ċar li din is-Soċjetà ma tieqaf qatt…u nżidu li hi Għaqda rispettata, ħabrieka u organizzata minn kull lat. Hu normali wkoll li minn żmien għal żmien xi polemika tinħoloq fi ħdanha, imma l-interess tal-Każin tal-Banda San Gabriel jibqa' ulterjuri fuq kollox. U għalhekk is-Soċjetà tagħna waslet fejn waslet illum għax dawk li servew f'Kumitati kif ukoll il-membri tagħha tul iż-żminijiet għarfu li l-interess tas-Soċjetà hu 'l fuq mill-interess personali tagħhom. U hawn tidħol il-gratitudini lejn dawk kollha li tul id-90 sena li għaddew għamlu parti minn din is-Soċjetà glorjuza. Iva… grazzi kbira lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom lill-Każin tal-Banda San Gabriel. U l-motto użat jixhed dan…IL-GLORJI TAL-IMGĦODDI, GARANZIJA GĦALL-ĠEJJIENI.